MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 283/2009

**Jude Cassar**

**-vs-**

**Michelle Spiteri**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-23 ta’ Marzu 2009 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Peress illi r-rikorrenti huwa proprjetarju tal-fond ossia ħanut magħruf bħala Shop Nru. 7, Birzebbugia Road, Birzebbugia.

2. Peress illi permezz ta’ kuntratt ta’ assenjazzjoni ta’ lokazzjoni datat 18 ta’ Mejju 2007, l-intimata daħlet fil-kirja tal-fond ossia ħanut magħruf bħala Shop Nru. 7, Birzebbugia Road, Birzebbugia u dana versu l-kera ta’

erba’ mija u ħmistax-il Euro (€415) fix-xahar bil-quddiem u taħt dawk il-kundizzjonijiet kif oriġinarjament stipulati fil-kuntratt lokatizju tal-25 ta’ Frar, 2004.

Peress illi l-intimata naqset li tħallas il-kera għax-xhur ta’ Settembru 2008, Ottubru 2008, Novembru 2008, Diċembru 2009 u Jannar 2009 u Frar 2009 baqgħet hekk inadempjenti minkejja li ġiet debitament interpellata permezz ta’ ittra legali fis-27 ta’ Ottubru 2008 (riferibbilment għall-iskadenzi ta’ Settembru 2008, Ottubru 2008 u Novembu 2008.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ *ai termini* ta’ l-artikolu 167 ta’ Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Tiddikjara illi l-intimata ddekadiet mill-obbligu tagħha ta’ ħlas puntwali tal-kera, u għalhekk konsegwentement tiddikjara terminata l-lokazzjoni in kwistjoni u cjoe’ dak oriġinali datat 25 ta’ Frar, 2004 liema kuntratt ġie sussegwentement assenjat lill-intimata permezz ta’ assenjazzjoni datat 18 ta’ Mejju, 2007; u

3. Tordna l-iżgumbrament ta’ l-istess soċjeta’ intimata mill-fond in kwistjoni fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss lilha minn din il-Qorti; u

4. Tordna u tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti is-somma ta’ elfejn, erba’ mija u disgħin Ewro (€2,490) rapprezentati l-kera li skadiet u cioe’ għax-xhur ta’ Settembru 2008, Ottubru 2008, Novembru 2008, Diċembru 2009 u Jannar 2009 u Frar 2009.

Bl-interessi u bl-ispejjeż inklużi dawk ta’ l-ittra legali tas-27 ta’ Ottubru 2008, kontra l-intimata li hija nġunta għas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata naqset li tidher fis-seduta tal-lum.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talbiet attriċi u tipprefiġġi terminu ta’ xahrejn għall-iżgumbrament.**

**Spejjeż ikunu a kariku tal-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------